

## **REĠISTRU TA' TRASPARENZA**

### **Dikjarazzjoni politika**

#### **fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru ta' Trasparenza obligatorju**

1. Il-gvernijiet firmatarji jilqgħu d-deċiżjoni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jikkonkludu Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru ta' Trasparenza obligatorju ("il-Ftehim Interistituzzjonali") li jstabbilixxi approċċ koordinat għal interazzjonijiet trasparenti u etiċi bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, ibbażat fuq il-prinċipju tal-kondizzjonalità.
2. Il-gvernijiet firmatarji jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jippromwovu interazzjonijiet trasparenti u etiċi anki meta rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jipprovaw jinfluwenzaw il-mod kif l-awtoritajiet nazzjonali jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
3. B'mod partikolari, huma għalhekk jintrabtu li, matul il-mandat tagħhom bħala Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u fis-sitt xhur ta' qabel dan il-mandat, jagħmlu l-laqqgħat bejn ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u r-Rappreżentant Permanenti u l-Viċi Rappreżentant Permanenti rispettivi tagħhom għall-UE kondizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni ta' dawk ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fir-Reġistru ta' Trasparenza.
4. Il-prinċipju ta' kondizzjonalità stipulat fil-paragrafu preċedenti japplika għal-laqqgħat organizzati mar-Rappreżentant Permanenti u l-Viċi Rappreżentant Permanenti meta dawn jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' Presidenza tal-Kunsill attwali jew tal-Previdenza tal-Kunsill li jmiss.
5. Din id-dikjarazzjoni hija nnotifikata lill-Bord tat-Tmexxija tar-Reġistru ta' Trasparenza skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Interistituzzjonali. L-Istati Membri firmatarji jibqgħu liberi li jinnotifikaw lill-Bord tat-Tmexxija tar-Reġistru ta' Trasparenza bl-intenzjoni tagħhom li jagħmlu tipi oħra ta' interazzjonijiet ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess kondizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Trasparenza jew b'miżuri ta' trasparenza komplementari jew li jirtiraw minn din id-dikjarazzjoni.
6. L-impenji meħuda b'din id-dikjarazzjoni huma mingħajr preġudizzju għall-miżuri għar-regolamentazzjoni tal-interazzjonijiet bejn ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u l-awtoritajiet nazzjonali adottati fil-livell nazzjonali.
7. F'każ ta' modifika jew reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali, l-impenji meħuda b'din id-dikjarazzjoni jkunu wkoll soġġetti għal reviżjoni.